DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-29 ta' Marzu 2010

li teżenta l-esplorazzjoni u l-isfruttament taż-żejt u tal-gass fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 1920)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/192/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(5) u (6) tagħha,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula minn Shell U.K. Limited (minn hawn 'il quddiem Shell) permezz ta' ittra elettronika tal-15 ta' Ottubru 2009,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi:

I. FATTI

(1) Skont l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2004/17/KE l-entitajiet kontraenti li jesploraw jew itellgħu ż-żejt jew il-gass fir-Renju Unit kienu awtorizzati japplikaw sistema alternattiva minflok is-sett normali ta' regoli. Is-sistema alternattiva ġiebet magħha ċerti obbligi ta' statistika u obbligu biex jiġu rispettati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' akkwist kompetittiv fir-rigward tal-għoti ta' kuntratti ta' provvisti, xogħlijiet u servizzi, b'mod partikolari dwar it-tagħrif li l-entità tagħmel disponibbli lill-operaturi ekonomiċi dwar l-intenzjonijiet tagħha rigward l-akkwisti.

(2) Il-mekkaniżmu tal-Artikolu 30, rigward id-deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/17/KE, skont ċerti ċirkostanzi għal xi wħud mill-operaturi, japplika wkoll fir-rigward ta' dawn l-obbligi mnaqqsa skont l-Artikolu 27 tal-istess Direttiva.

(3) Fl-15 ta' Ottubru 2009, Shell ittrażmettiet talba skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva 2004/17/KE lill-Kummissjoni b'ittra elettronika. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5), il-Kummissjoni għarrfet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit dwar dan permezz ta' ittra tal-21 ta' Ottubru 2009, li għaliha l-awtoritajiet imsemmija wieġbu permezz ta' ittra elettronika tas-16 ta' Novembru 2009. Fid-17 ta' Novembru 2009, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra elettronika, talbet ukoll għal iktar tagħrif mingħand Shell, li bagħtitu fil-25 ta' Novembru 2009 b'ittra elettronika.

(4) It-talba mressqa minn Shell tikkonċerna l-esplorazzjoni u l-isfruttament taż-żejt u l-gass fl-Ingilterra, l-Iskozja u Wales. Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni preċedenti dwar l-Amalgamazzjonijiet [2], f'din it-talba, ġew deskritti tliet attivitajiet distinti li Shell hija attiva fihom, fosthom:

(a) l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali;

(b) il-produzzjoni taż-żejt; u

(c) il-produzzjoni tal-gass naturali.

Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li ssemmew hawn fuq, għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni "produzzjoni" tinkludi wkoll "żvilupp", jiġifieri t-twaqqif ta' infrastruttura xierqa għall-produzzjoni tal-ġejjieni (pjattaformi taż-żejt, pajpijiet, terminals, eċċ.).

[1] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.

[2] Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/284/KE tad-29 ta' Settembru 1999 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni u l-Ftehim taż-ŻEE (Każ Nru IV/M.1383 - Exxon/Mobil) (ĠU L 103, 7.4.2004, p. 1) u deċiżjonijiet sussegwenti, *inter alia* d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2007 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq komuni (Każ Nru IV/M.4545 Statoil/Hydro) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004.

II. QAFAS LEGALI

(5) L-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE jipprovdi li l-kuntratti maħsuba biex jippermettu t-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/17/KE, ma għandhomx ikunu soġġetti għal dik id-Direttiva jekk, fl-Istat Membru fejn titwettaq, l-attività hija direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li l-aċċess għalihom mhuwiex ristrett. L-esponiment dirett għall-kompetizzjoni huwa vvalutat abbażi ta' kriterji oġġettivi, li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur konċernat. L-aċċess ma jitqiesx li mhuwiex ristrett jekk l-Istat Membru jkun implimenta u applika l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE li tiftaħ settur partikolari jew parti minnu.

(6) Ladarba r-Renju Unit implimenta u applika d-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi ([1]), l-aċċess għas-suq għandu jitqies li mhuwiex ristrett skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(3) tad-Direttiva 2004/17/KE. L-espożizzjoni diretta għall-kompetizzjoni f'suq partikolari għandha tiġi evalwata fuq il-bażi ta' bosta kriterji, li l-ebda minnhom m'hu deċiżiv *per se*.

(7) Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk l-operaturi rilevanti humiex soġġetti għall-kompetizzjoni diretta fis-swieq ikkonċernati b'din id-Deċiżjoni, is-sehem tas-suq tal-atturi ewlenin u l-livell tal-konċentrazzjoni ta' dawk is-swieq għandhom jitqiesu. Peress li l-kundizzjonijiet ivarjaw għall-attivitajiet differenti li huma kkonċernati minn din id-Deċiżjoni, għanda titwettaq valutazzjoni separata għal kull suq/attività differenti.

(8) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

III. VALUTAZZJONI

(9) Kull waħda mit-tliet attivitajiet li huma s-suġġett ta' din it-talba (l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, il-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali) ġew kkunsidrati biex jikkostitwixxu swieq separati tal-prodotti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni preċedenti msemmija fil-Premessa 4 ta' hawn fuq. Għalhekk għandhom jiġu eżaminati separatament.

L-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali

(10) Skont il-prattika stabbilita mill-Kummissjoni ([2]), l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali tikkostitwixxi suq wieħed rilevanti tal-prodotti, minħabba li mhuwiex possibbli li jkun determinat mill-bidu nett jekk l-esplorazzjoni hijiex se tirriżulta fis-sejbien taż-żejt jew tal-gass naturali. Ġie wkoll stabbilit permezz tal-istess prattika tal-Kummissjoni li ilha mwaqqfa żmien twil li l-ambitu ġeografiku ta' dan is-suq huwa mifrux madwar id-dinja.

(11) Is-sehem tas-suq ta' operaturi attivi fl-esplorazzjoni jistgħu jitkejlu b'referenza għal tliet fatturi varjabbli: in-nefqa kapitali, ir-riżervi ppruvati u l-produzzjoni prevista. L-użu tan-nefqa kapitali biex jitkejjel is-sehem tas-suq ta' operaturi fuq is-suq tal-esplorazzjoni nstab li mhuwiex fattur xieraq, fost l-oħrajn minħabba d-differenzi kbar bejn il-livelli meħtieġa ta' investimenti li huma meħtieġa f'żoni ġeografiċi differenti. Għalhekk, jinħass il-bżonn ta' investimenti ikbar sabiex issir esplorazzjoni taż-żejt u tal-gass fil-Baħar tat-Tramuntana milli biex issir esplorazzjoni, pereżempju, fil-Lvant Nofsani.

(12) Ġew tipikament applikati żewġ parametri oħra, sabiex jiġi vvalutat is-sehem tas-suq tal-operaturi ekonomiċi f'dan is-settur, jiġifieri s-sehem tagħhom f'riżervi ppruvati u fil-produzzjoni prevista ([3]).

(13) Skont it-tagħrif disponibbli, mill-31 ta' Diċembru 2008, ir-riżervi globali ppruvati taż-żejt u tal-gass flimkien laħqu total ta' 385 biljun metru kubu standard ekwivalenti ta' żejt (minn hawn 'il quddiem "Sm^3 o. e.") madwar id-dinja kollha ([4]). B'hekk il-parti ta' Shell ammontat għal 1,759 biljun Sm3 o. e., u b'hekk kellha sehem ta' 0,46 % mis-suq. Mill-1 ta' Jannar 2009, fil-Gran Brittanja, ir-riżervi ppruvati taż-żejt u tal-gass flimkien ammontaw għal ftit iktar minn 0,88 biljun Sm^3 o. e. ([5]), jew ftit iktar minn 0,22 %. Għalhekk, is-sehem ta' Shell huwa saħansitra iżgħar. Skont it-tagħrif disponibbli, hemm korrelazzjoni diretta bejn ir-riżervi ppruvati ta' żejt u gass u l-produzzjoni prevista tal-ġejjieni. Għalhekk ma hemm xejn fit-tagħrif disponibbli li jindika li s-sehem tas-suq ta' Shell se jkun sostanzjalment differenti jekk jitkejjel f'termini ta' produzzjoni prevista aktar milli f'termini ta' sehem tagħha ta' riżervi ppruvati. Il-Premessi (14) u (17) ta' hawn isfel jippreżentaw is-sehem tas-suq ta' Shell u tal-kompetituri prinċipali tagħha, taż-żejt u l-gass rispettivament. Fid-dawl tar-rabtiet bejn ir-riżervi ppruvati u l-produzzjoni attwali dawn iċ-ċifri jistgħu jitqiesu bħala indikazzjoni wkoll tal-istat tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat hawnhekk. Is-suq tal-esplorazzjoni mhuwiex ikkonċentrat ħafna. Apparti mill-kumpaniji li huma proprjetà tal-istat, is-suq huwa kkaratterizzat bil-preżenza ta' żewġ atturi internazzjonali privati oħra integrati vertikalment imsemmija bħala l-kumpaniji kbar nett (BP u ExxonMobil) kif ukoll xi għadd ta' atturi msejħa "kbar ħafna". Dawn il-fatturi huma indikazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

([1]) ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3.

([2]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni Exxon/Mobil msemmija hawn fuq u, iktar riċenti, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Novembru 2007 li tiddikjara li konċentrazzjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni (Każ COMP/M.4934 — KazMunaiGaz/Rompetrol) skont ir-Regolament tal-Kunsill 139/2004.

([3]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq ta' Exxon/-Mobil (il-premessi 25 u 27).

([4]) Ara l-punt 5.2.1 tal-applikazzjoni u s-sorsi kkwotati hemmhekk, b'mod partikolari d-dokument *BP Statistical Review of World Energy*, Ġunju 2009, li huwa mehmuż magħha.

([5]) Jiġifieri, 0,34 triljun Sm^3 gass, daqs 0,34 miljun Sm^3 o. e., u 3,4 elf miljun barmil żejt daqs 0,540 biljun Sm^3, flimkien jammontaw għal 0,88 biljun Sm^3.

Il-produzzjoni taż-żejt

(14) Skont prattika stabbilita tal-Kummissjoni ([1]), l-iżvilupp u l-produzzjoni taż-żejt (mhux raffinat) huwa suq tal-prodotti separat li jhaddan id-dinja kollha. Fl-2008, skont it-tagħrif disponibbli ([2]), il-produzzjoni kollha ta' kuljum taż-żejt madwar id-dinja ammontat għal 81 820 miljun barmil. F'dik is-sena stess, Shell ipproduċiet total ta' 1 771 miljun barmil kuljum, liema rata wasslitha li jkollha sehem tas-suq ta' 2,16 %. Għall-finijiet ta' din l-analiżi, huwa importanti li jitqies il-grad ta' konċentrazzjoni u s-suq rilevanti kollu. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tinnota li s-suq għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat huwa kkaratterizzat bil-preżenza ta' kumpaniji kbar li huma proprjetà tal-istat u b'żewġ atturi internazzjonali privati oħra integrati vertikalment (l-hekk imsejħa kumpaniji kbar nett: BP u ExxonMobil li l-partijiet rispettivi tagħhom għal produzzjoni taż-żejt fl-2008 ammontaw għal 3,08 % u 2,32 %) kif ukoll b'ċertu għadd tal-hekk imsejħa "kumpaniji kbar ħafna" ([3]). Dawn il-fatturi jissuġġerixxu li s-suq jinkludi għadd ta' atturi li bejniethom jista' jkun preżunt li hemm kompetizzjoni effettiva.

Il-produzzjoni tal-gass naturali

(15) Deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni ([4]) dwar il-forniment tal-gass lill-konsumaturi aħħarin iddistingwiet bejn il-Gass b'Valur Kalorifiku Baxx (LCV) u l-Gass b'Valur Kalorifiku Għoli (HCV). Il-Kummissjoni qieset ukoll jekk il-provvisti tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) għandhomx ikunu distinti mill-provvisti tal-gass naturali li jgħaddu mill-pajpijiet ([5]). Madankollu, Deċiżjoni tal-Kummissjoni sussegwenti ([6]) dwar, fost l-oħrajn, l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-gass naturali għadhom ma kkonfermawx, għall-fini ta' dik id-Deċiżjoni, jekk eżistewx swieq separati għall-Gass b'Valur Kalorifiku Baxx (LCV), għall-Gass b'Valur Kalorifiku Għoli (HCV) u għall-Gass Naturali Likwifikat (LNG), "peress li l-valutazzjoni aħħarija mhijiex affettwata, irrispettivament mid-definizzjoni adottata". Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-kwistjoni tista' tibqa' ma tiġix ikkonfermata għar-raġunijiet li ġejjin:

— Shell ma tipproduċix LNG;

— Shell U.K. Tħaddim limitat fil-Gran Brittanja (l-Iskozja l-Ingilterra u Wales) fejn is-suq immedjat għall-gass, l-hekk imsejjaħ National Balancing Point, ma jagħmilx distinzjoni bejn LCV u HCV. National Grid plc (li jamministra n-netwerk Brittanniku tal-gass naturali) huwa responsabbli mis-superviżjoni tal-kwalità tal-gass li jidħol fin-netwerk.

(16) F'dak li jirrigwarda s-suq ġeografiku, Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ([7]) qiesu li dan jinkludi ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u possibilment ir-Russja u l-Alġerija wkoll.

(17) Skont it-tagħrif disponibbli, fl-2008 ([8]), il-produzzjoni kollha tal-gass fl-UE ammontat għal 190.3 biljun Sm^3 u dik fiż-ŻEE laħqet 289.5 biljun Sm^3 għall-istess sena. Għall-2008, Shell ipproduċiet 37.60 biljun Sm^3, u b'hekk kellha sehem ta' 12.99 % mis-suq. Għall-2008, il-produzzjoni fir-Russja u l-Alġerija ammontat għal 601.7 u 86.5 biljun Sm^3 rispettivament. Għalhekk il-produzzjoni totali fiż-ŻEE flimkien mal-produzzjoni tar-Russja u l-Alġerija laħqet it-total ta' 976.7 biljun Sm^3, li minnu Shell għandha sehem li jammonta għal 3.85 %. Il-grad ta' konċentrazzjoni fis-suq tal-produzzjoni taż-żejt naturali huwa baxx ukoll, meta titqies il-preżenza tal-kumpaniji kbar nett (ExxonMobil u BP b'sehem tas-suq bejn [10-20] % and [5-10] %), u tal-kumpaniji kbar ħafna (Statoil u Total b'sehem tas-suq fl-ordni ta' bejn [10-20] % u [5-10] % kull waħda), u l-pressjoni ta' żewġ kumpaniji importanti oħra li huma proprjetà privata li huma, il-kumpanija Russa Gazprom u dik Alġerina Sonatrach (b'sehem tas-suq bejn [30-40] % u ta' [10-20] % ([9]) rispettivament). Dawn il-fatturi huma indikazzjoni ulterjuri tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni.

IV. KONKLUŻJONIJIET

(18) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-premessi (5) sa (17), il-kundizzjoni ta' esponiment dirett għall-kompetizzjoni stipulata fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE għandha titqies li ntlaħqet fl-Ingilterra, fl-Iskozja u f'Wales fir-rigward tas-servizzi li ġejjin:

(a) l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali;

(b) il-produzzjoni taż-żejt; u

(c) il-produzzjoni tal-gass naturali.

(19) Billi l-kundizzjoni ta' aċċess mhux ristrett għas-suq titqies li ntlaħqet, id-Direttiva Nru 2004/17/KE ma għandhiex tapplika meta entitajiet kontraenti jagħtu kuntratti intiżi biex jippermettu li jitwettqu fl-Ingilterra, fl-Iskozja u f'Wales, s-servizzi elenkati fil-punti (a) sa (c) tal-premessa (18), u ilanqas meta jiġu organizzati konkorsi ta' disinn għat-twettiq ta' attività bħal din f'dawk iż-żoni ġeografiċi.

(20) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq is-sitwazzjoni legali u fattwali minn Ottubru sa Diċembru 2009, kif tidher mit-tagħrif mressaq minn Shell u mill-awtoritajiet tar-Renju Unit. Din tista' tiġi riveduta, jekk bidliet sinifikanti fis-sitwazzjoni legali jew dik fattwali jfissru li l-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2004/17/KE ma għadhomx jintlaħqu,

([1]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni Exxon/Mobil msemmija hawn fuq u, iktar riċenti, id-Deċiżjoni KazMunaiGaz imsemmija hawn fuq.

([2]) Ara p. 8 tal-*BP Statistical Review of World Energy*, Ġunju 2009, anness mal-applikazzjoni, f'li ġej imsemmija "BP Statistics".

([3]) Li l-ishma tagħhom fis-suq huma iżgħar minn dawk tal-kumpaniji kbar nett.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2007/194/KE tal-14 ta' Novembru 2006 li tiddikjara li konċentrazzjoni għandha tkun kompatibbli mas-suq komuni u t-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4180 — Gaz de France/Suez), (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 47).

([5]) Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni msemmija hawn fuq tal-Gaz de France/Suez.

([6]) Id-Deċiżjoni Statoil/Hydro imsemmi hawn fuq, punt 12.

([7]) Ara pereżempju d-Deċiżjonijiet imsemmija taħt il-Premessa 4 hawn fuq.

([8]) Ara b'mod partikolari l-"BP Statistics" maħruġa mill-BP, p. 24.

([9]) Ara d-Deċiżjoni Statoil/Hydro imsemmija hawn fuq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2004/17/KE ma għandhiex tapplika għal kuntratti mogħtija minn entitajiet kontraenti u bl-intenzjoni li jippermettu li jitwettqu s-servizzi li ġejjin fl-Ingilterra, fl-Iskozja u f'Wales:

(d) l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali;

(e) il-produzzjoni taż-żejt; u

(f) il-produzzjoni tal-gass naturali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni
Michel BARNIER
Membru tal-Kummissjoni